MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2007

Appell Civili Numru. 651/1998/1

**Rita Falzon f'isimha proprju u bhala kuratrici ad litem tal-minuri Timothy Joe, Cassandra, u Jasmin ahwa Falzon**

**v.**

**Joseph Falzon**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell maghmul mill-konvenut minn sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fl-1 ta' Dicembru 2006, f'kawza ta' separazzjoni bejn il-konjugi Falzon. Din is-sentenza sejra tigi riprodotta kollha kemm hi billi fiha hemm migjuba t-talbiet diversi ta' l-attrici, l-eccezzjonijiet li ssolleva l-konvenut, accenn ghall-provi li tressqu matul il-

kawza kif ukoll il-konkluzjonijiet li waslet ghalihom l-ewwel Qorti u r-ragunijiet relattivi. Is-sentenza, issa appellata, hija din:

**"Il-Qorti;**

"Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentata fis-27 ta' Marzu, 1998 li permezz tagħha l-attriċi ppremettiet:

"Illi l-attriċi u l-konvenut iżżewġu f'Malta tit-tnejn (2) ta' Frar tas-sena elf, disa' mija u wieħed u tmenin (1981) u minn dan iż-żwieġ kellhom tlett itfal (3) u cioe` Timothy Joe, Cassandra u Jasmin, ahwa Falzon, li għadhom minorenni;

"U li l-ħajja konjugali saret impossibbli minħabba adulterju, swat, servizzi, minaċċi u nġurji gravi kommessi kontriha mill-konvenut, u minħabba li tkissret irrevokabilment;

"U li għal dawn ir-raġunijiet, l-attriċi talbet u ottjeniet l-awtorizzazzjoni meħtieġa mis-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex tipproċedi f'din l-istanza kontra żewġha għas-separazzjoni personali u dana skond Digriet mogħti minn dik il-Qorti fil-ħdax (11) ta' Novembru tas-sena elf, disa' mija u sebgħa u disgħin (1997) (Digriet Numru 97) li kopja tiegħu hi hawn annessa Dok. "A"; liema Digriet ġie pprorogat debitament fuq talba attriċi kif jirriżulta waqt it-trattazzjoni;

"Għalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex;

"1. M'għandhiex tiġi ppronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-konjuġu minħabba adulterju, swat, sevizzi, minaċċi u nġurji gravi li Joseph Falzon ikkommetta kontra martu l-attriċi, jew minħabba li ż-żwieġ tkisser irrevokabilment;

"2. M'għandhomx it-tfal minuri fuq imsemmija jiġu affidati lill-attriċi salv kull provediment xieraq ta' aċċess li din il-Qorti jidrilha li għandha tipprovdi fl-aħjar interess tal-minuri;

"3. M'għandux l-imsemmi konvenut jiġi kkundannat li jħallas lill-attriċi għaliha u għal minuri aħwa Falzon dik ir-retta alimentarja lilha dovuta skond il-Liġi b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluż provvediment għaż-żieda skond l-għoli tal-ħajja, li għandhom jiġu ffissati minn din il-Qorti u jiġi ordnat li l-manteniment

"4. M'għandhomx jiġu applikati kontra l-imsemmi konvenut l-effetti tad-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48, 50 u 51 tal-Kodiċi Ċivili (1984 ed.) in toto jew in parte.

"5. M'għandhomx jiġu applikati kontra l-imsemmi konvenut l-effetti tad-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48, 50 u 51 tal-Kodiċi Ċivili (1984 ed.) in toto jew in parte.

"6. M'għandhiex tiġi dikjarata xjolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oġġetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jiġu maqsuma f'żewġ porzjonijiet illi jiġu assenjati, waħda lill-attriċi u l-oħra lill-istess konvenut, okkorrendo b'opera ta' perit nominand sabiex jillikwida l-istess komunjoni, u billi jiġi nominat nutar sabiex jirċievi l-att relattiv u kuratur biex jirrapresenta lill-eventwali kontumaċja fuq l-istess att.

"7. Tikkundanna lil konvenut li jikkonsenja lill-attriċi l-beni parafernali u dotali tagħha.

"Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-proċeduri nkorsi quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili kif ukoll tal-mandati in sekwestru maħruġin kontra l-konvenut u ittra ġudizzjarja għad-depositu relattiv kontra l-konvenut inġunt minn issa stess għas-subizzjoni.

"Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attriċi maħlufa u l-lista tax-xhieda.

"Rat li s-soċjeta` konvenuta Paula Developments ma ppreżentatx nota tal-eċċezzjonijiet.

"Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut ippreżentata fit-18 ta' Diċembru, 1998 li permezz tagħha eċċepixxa;

"Illi bosta mit-talbiet attriċi għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet segwenti:

"1. Illi l-esponenti jaqbel li għandha tiġi dikjarata s-separazzjoni bejnu u bejn martu stante li ż-żwieġ tal-konjuġi tfarrak irrimedjabilment;

"2. Illi mhux minnu li l-esponenti rrenda ruħu ħati ta' dak li qegħda tallega l-attriċi, u cioe` ta' adulterju, abbandun, swat, sevizzi, minaċċi u nġurji gravi;

"3 Illi l-ħtija tat-tifrik taż-żwieġ tal-konjuġi hija mputabbli lill-attriċi senjatament minħabba moħqija tagħha versu l-esponenti, in partikolari moħqrija psikoloġika, adulterju u abbandun;

"4. Illi m'huwiex minnu li l-esponenti huwa persuna vjolenti u kif allegat l-attriċi heddidha li joqtolha. L-esponenti jiċħad kateorikament ukoll li huwa qatt kien vjolenti fil-konfront ta' martu u wisq aktar ta' uliedu li tant iħobb u jgħożż;

"5. L-esponenti jaqbel li l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejnu u bejn l-attriċi għandha tiġi xolta iżda hu jopponi illi l-attriċi tingħata xi parti mill-istess komunjoni tal-akkwisti minħabba r-raġunijiet gia` imsemmija u għar-raġunijiet oħra li ser jissemmew fil-kontro-talba tal-konvenut ippreżentata kontestwalment;

"6. L-esponenti jopponi illi huwa għandu jiġi kkundannat iħallas lill-attriċi xi forma ta' manteniment għar-raġunijiet li ser jisssemmew waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

"Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri kemm il-darba jkun il-każ.

"Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut maħlufa u l-lista tax-xhieda.

"Rat l-atti proċesswali.

"Rat in-noti ta’ astensjoni ta’ l-Onor. Imħallfin Raymond Pace u Geoffrey Valenzia.

"Rat il-verbali tas-seduti quddiem l-Assistenti Ġudizzjarji.

"Rat il-verbal tas-seduta ta’ l-20 ta’ Ottubru, 2006 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza fuq talba tad-difensur ta’ l-attriċi.

"Ikkunsidrat;

"Illi l-attriċi qed titlob li din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minħabba tortijiet imputabbli lill-konvenut. Il-konvenut qed jikkontesta t-tort.

"Il-Qorti tinnota illi għalkemm il-proċess huwa mdaqqas u l-kawża ilha għaddejja tmien snin, ftit inġabru provi konkreti fiha. L-attriċi xehdet f’seduta minnhom u mbagħad ġiet imħarrka bħala xhud oħt il-konvenut illi kkonfermat li hija xtrat il-proprjeta` imsemmija minnha għan-nom tiegħu u mbagħad taghtihielu lura permezz ta’ att ta’ donazzjoni. Ġew esebiti ukoll dokumenti relattivi għal kontijiet bankarji u riċerki dwar l-akkwisti tal-konvenut. Matul il-kawża saru diversi rikorsi mill-partijiet rigward il-manteniment pagabbli lill-attriċi għall-minuri li tgħix magħha.

"L-attriċi xehdet fis-seduta tat-3 ta’ Marzu, 2000 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju fejn spejgat il-lanjanzi tagħha. Skond ix-xhieda tagħha l-konvenut huwa bniedem vjolenti u anke meta kienu għarrajjes kien jerfa’ idejh fuqha. Wara dan saru diversi seduti li fihom ma sar xejn, għal xi raġuni jew oħra. Fil-11 ta’ Marzu, 2002 xehed Paul Gambina għan-nom tal-Bank of Valletta illi esebixxa illi xehed illi kien hemm żewġ kontijiet il-Bank f’isem il-konvenut u cioe` dak *savings* miftuħ fl-1991 u magħluq fl-1999 u ieħor miftuħ fl-1990 u magħluq fl-1999; it-tnejn għalaqhom il-konvenut stess. Kien hemm ukoll kont ieħor li pero` kien f’isem terzi wkoll u allura ma setax jixhed fuqhom.

"Xehed ukoll fit-12 ta' Novembru, 2002 Joe Zammit uffiċjali tad-dipartiment tad-djar li qal li l-partijiet kellhom post mogħti mid-dipartiment u rriżultalhom li l-konvenut wara li telqet l-attriċi mid-dar ħa tmint elef Lira Maltin (Lm8,000) mingħand ditta ta' kostruzzjoni biex joħroġ mill-post. Kienu ttieħdu proċeduri kriminali għal frodi iżda ma jafx kif intemmu. Nazzareno Vella, direttur ta' din id-ditta, ikkonferma l-ħlas imsemmi.

"Fil-11 ta' Ottubru, 2005 xehdet oħt il-konvenut illi qalet li biex tagħmel pjaċir lil ħuha akkwistat il-fond Bronson House fl-Iswatar, iżda mbagħad ma riditx inkwiet u allura reġgħet tatulu lura b'donazzjoni. Ikkonfermat li flus ma ħarġitx. L-attriċi esebiet ir-riċerki tal-konvenut a fol 285 tal-proċess fejn jirriżulta dak li qalet ix-xhud Anna Christian.

"Il-Qorti tħoss li minn dak li ġie mressaq jirriżulta li l-konvenut ma kkontestax permezz ta' provi oħra dak li qalet u ressqet l-attriċi u għalhekk jirriżulta li huwa kien vjolenti fil-konfront tagħha u b'riżultat ta' dan hija kienet kostretta titlaq mid-dar konjugali. Iż-żewġt itfal il-kbar baqgħu ma' missierhom u llum huma maġġorenni fil-waqt li ż-żgħira baqgħet ma' l-attriċi. Il-konvenut allura ħeles mid-dar konjugali u akkwista tmint elef Lira Maltin (Lm8,000), żbanka ħafna minn dak li kellu mfaddal u xtara dar oħra f'isem oħtu u reġa' akkwistaha lura f'tentattiv ċar biex jeludi l-pretensjonijiet tagħha. Jirriżulta li huwa għalaq il-kont numru 158 0229403-9-x f'Diċembru 1999 meta kellu fih erbat elef, mitejn u tlieta u għoxrin Lira Maltin (Lm4,223) u l-kont numru 148-229404-2 f'Jannar 1999 meta kellu fih elf, tlett mija, tmienja u sittin Lira Maltin (Lm1,368).

"Dawn kollha kienu flus appartenenti għall-komunjoni ta' l-akkwisti u għalhekk il-konvenut għandu jagħti nofshom lill-attriċi u għalhekk billi jirriżulta li ħa għalih is-somma komplessiva ta' tlettax il-elf, ħames mija u wieħed u disgħin Lira Maltin (Lm13,591) irid jagħti nofsha lill-attriċi u cioe` sitt elef, seba' mija, ħamsa u disgħin Lira Maltin u ħamsin ċenteżmu (Lm6,795.50) u jħallas ukoll imgħax legali b'effett mill-1 ta' Diċembru, 1999.

"Fir-rigward tad-dar li xtara l-konvenut permezz ta’ oħtu hu ċar li din ukoll għandha tiġi konsidrata bħala formanti parti mill-komunjoni ta’ l-akkwisti; kif ġie ritenut fis-sentenza fil-kawża Emanuel Frendo vs Carmelo Azzopardi et (deċiża fit-28 ta’ Jannar, 2004 mill-Prim’Awla), u fi kliem **Pothier**, *se io ho incaricato taluno di comperarmi una certa coa il mandaario che si e’ incaricato del mio mandato e che ha comprato e che si e` fatto conregnare la cosa, deve restituirmela ancorche ne avesse fatto l’ acquisto a suo nome.*

"Għalhekk il-bejgh se jiġi konsidrat parti mill-komunjoni ta’ l-akkwisti u billi l-konvenut gia` akkwista lura f’ismu l-fond ma hemm ebda problema legali biex dan isir. Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti se tillimita ruħha biex tordna li n-nofs indiviż jiġi trasferit lill-attriċi u mbagħad tara hi x’passi ulterjuri għandha tiehu biex tillikwida sehmha, għaliex il-Qorti ma għandhiex quddiemha stima tal-fond u kwindi ma tistax tordna l-bejgh tiegħu billi jista’ jirriżulta li huwa komodament divisibbli. Ma rriżultax li kien hemm xi proprjetajiet mobbli jew immobbli oħra mill-provi mressqa.

"Fir-rigward tal-manteniment għall-minuri, jirriżulta mill-atti li l-attriċi llum taħdem u fil-fatt tipperċepixxi paga iktar mill-konvenut u allura l-Qorti tħoss li manteniment ta’ disgħin Lira Maltin (Lm90) fix-xahar għandu jkun suffiċjenti f’dan l-istadju.

"Għaldaqstant il-Qorti tilqa’ t-talbiet kollha attriċi u għalhekk;

"1. tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet għar-raġunijiet indikati fiċ-ċitazzjoni;

"2. taffida l-kura u kustodja tal-minuri Jasmin lill-attriċi;

"3. tordna lill-konvenut iħallas bħala manteniment is-somma ta’ disghin Lira Maltin (Lm90) fix-xahar għall-minuri *rebus sic standibus*;

"4. tilqa’ r-raba’ talba fejn applikabbli fir-rigward ta’ l-Artikolu 48;

"5. tilqa' l-ħames talba bl-istess mod;

"6. tilqa' s-sitt talba u tordna li l-konvenut għandu jħallas lill-attriċi, bħala sehemha mill-komunjoni ta' l-akkwisti s-somma ta' sitt elef, seba' mija, ħamsa u disgħin Lira Maltin u ħamsin ċenteżmu (Lm6,795.50) bl-imgħaxijiet legali dekorribbli mill-1 ta' Diċembru, 1999 u tiddikjara wkoll l-komunjoni ta' l-akkwisti hija konsistenti fil-fond Bronson House, Swater limiti ta' Birkirkara u li għalhekk tassenja lill-attriċi nofs indiviż tiegħu u n-nofs indiviż l-ieħor lill-konvenut u għal dan l-iskop tinnomina lin-Nutar Dottor Daniela Chetcuti u lill-Avukat Dottor Veronique Dalli bħala kuratriċi tal-kontumaċji; il-kuntratt għandu meta ssir talba ta' xi ħadd mill-partijiet permezz ta' rikors; għal kull *buon fini* il-Qorti tiddikjara li proprjetajiet oħra mixtrija jew akkwistati mill-partijiet preżentement fil-pussess tagħhom kompriżi vetturi qed jiġu dikjarati proprjetajiet tal-possessur.

"7. tastjeni milli tieħu konjizzjoni tas-sebgħa u l-aħħar talba billi ma rriżultax li kien hemm xi proprjetajiet parafernali jew dotali.

**"L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut iżda dawk tas-seduti quddiem l-Assistenti Ġudizzjarji ikunu bla taxxa."**

2. Appella minn din is-sentenza l-konvenut Joseph Falzon b'rikors ta' l-appell ipprezentat minnu fil-11 ta' Dicembru, 2006. L-appellant ressaq is-segwenti aggravji fil-konfront tas-sentenza appellata:
"Illi huwa jaqbel ma' l-ordni ta' pronunzjament ta' separazzjoni personali pero` din kellha tinghata minhabba l-fatt li z-zwieg tkisser b'mod irrimedjabbli u mhux minhabba ragunijiet imputabbli ghall-istess konvenut. Ta' min isemmi li l-unika prova li ngiebet dwar l-allegazzjonijiet iebsa mressqa mill-attrici kontra l-konvenut kienet tramite x-xiehda taghha biss. Illi ma kenitx gustifikata l-ewwel Qorti fejn esprimiet ruhha fis-sens li l-konvenut ma gab ebda prova kuntrarja peress li tali prova tirrizulta kemm mid-dikjarazzjoni guramentata maghmula

mill-istess konvenut fl-eccezzjonijiet tieghu u kif ukoll minn prova cirkostanzjala ta' natura oggettiva u cioe` l-fatt li tnejn minn tleit ulied baqghu jirrisjedu sal-guranata tal-lum ma' l-istess konvenut oltre ghall-fatt li l-istess minuri ghadha wkoll sal-gurnata tal-lum tghix ma' missierha minn nhar ta' Gimgha sa nhar il-Hadd filghaxija kull gimgha u dan sabiex ommha, l-attrici tkun tista' tohrog ghal rasha fil-weekends;

Illi huwa jaqbel ma' l-ordni fejn il-kura u l-kustodja tal-minuri Jasmin giet fdata f'idejn martu.  F'dan ir-rigward pero` jigi osservat li l-ewwel Qorti naqset li taghti l-provvediment xieraq u opportun dwar il-modalita` ta' access ta' l-istess minuri favur missierha liema access jista' facilment jigi ordnat li jibqa' kif ilu jigi pprattikat ghal dawn l-ahhar ghaxar snin cioe` li jkun fil-weekends kif fuq indikat;

Illi huwa jaqbel ma' l-ordni ta' manteniment fl-ammont ta' disghin lira fix-xahar;

Illi ma jaqbilx ma' l-ordni li applikat l-Artikolu 48 Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta peress illi ma jinkorrux l-elementi fattwali u legali necessarji ghal tali ordni u dan peress li ma hux minnu li tirrizulta l-komportament vjolenti u adultera da parti tal-konvenut appellant;  illi l-hames talba hija identika ghar-raba' talba u kwindi kull kumment ulterjuri ikun superfluwu;

Illi l-aggravju principali mressaq mill-konvenut appellant tikkoncerna s-sitt ordni li titkellem dwar il-likwidazzjoni, divizijoni u assenjazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti u dan peress illi s-sustanza ta' tali ordni ta' l-ewwel Qorti hija kontradittorja.  Dan qed jingahd peress illi ma jistax ikun li l-attrici tigi assenjata nofs il-flus li gibed u li kien akkwista l-konvenut biex akkwista l-immobbli hemm deskritt u fl-istess nofs tigi lilha assenjata nofs indiviz ta' l-istess dar. Illi jekk l-ewwel Qorti rrizultalha li d-dar inxtrat mill-konvenut fiz-zwieg (u mhux inghatat lilu b'donazzjoni u kwindi parafernali) isegwi li din kienet inxtrat bil-flus li huwa hareg mill-Bank u bil-flus li gibed mill-kontijiet bankarji.  Illi ghalhekk jekk din id-dar giet akkwistata b'dan

il-mod u b'dan id-dhul, il-mara kwindi ma tistax tiehu nofs id-dar u nofs il-flus ukoll. Mill-banda l-ohra jekk tirrizulta li d-dar hija parafernali peress li giet mghoddija lilu b'titolu ta' donazzjoni minghand ohtu, kwindi l-istess dar ghandha tigi dikajrata li tappartjeni lilu fl-intier u kwindi l-ewwel Qorti tkun gustifikata li tassenja lil mara nofs il-flus li l-konvenut gibed mill-Banek u li akkwista mill-kuntrattur. Illi l-ewwel Qorti kellha tordna jew modalita` wahda ta' assenjazzjoni jew ohra pero` mhux it-tnejn f'daqqa;

Illi fl-ahharnett l-appellant jaqbel mal-fatt li l-ewwel Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ta' l-ahhar talba ghar-raguni hemm dedotta."

L-appellant talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li filwaqt li tigi kkonfermata fejn laqghet l-ewwel, it-tieni, it-tielet talba u s-seba' talba ta' l-attrici, izda bir-riservi imsemmija mill-appellant fir-rikors ta' l-appell tieghu, l-istess sentenza tigi revokata fir-rigward tal-provvedimenti li tat l-ewwel Qorti dwar ir-raba' u l-hames talba ta' l-attrici, u tigi varjata relattivament ghas-sitt talba bil-mod kif espress fl-istess rikors ta' l-appell tieghu. Talab ukoll li l-ispejjez taz-zewg istanzi jithallsu mill-istess attrici appellata.

3. L-appellata Rita Falzon, giet notifikata b'dan ir-rikors ta' l-appell fit-12 ta' Dicembru, 2006. Hija naqset li tipprezenta risposta ta' appell izda dehret ghall-udjenza ffissata minn din il-Qorti ghat-30 ta' April 2007, assistita mill-avukat difensur taghha.

4. F'dik l-udjenza din il-Qorti semghet bil-gurament lill-appellant in konnessjoni mar-rikors tieghu pprezentat fl-24 ta' April, 2007. Permezz ta' digriet moghti f'dik l-istess udjenza tat-30 ta' April 2007, din il-Qorti ammettiet lill-appellant ghall-beneficcju tal-garanzija bil-gurament billi kienet sodisfatta li jikkonkorru r-rekwiziti kollha skond l-Artikolu 904(1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12).

5. Qabel ma din il-Qorti tibda titratta u tezamina l-aggravji li ressaq l-appellant, ghandha tosserva li effettivament il-

konvenut Joseph Falzon kien ressaq kontro-talba flimkien man-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu. Din il-kontro-talba tinsab a fol. 29 tal-process u jidher li din il-kontro-talba giet kompletament injorata mill-ewwel Qorti meta tat is-sentenza taghha li issa hemm appell minnha. F'dan il-kaz partikolari jidher li dan in-nuqqas, li sar bi zvista ta' l-ewwel Qorti msemmija, ma rreka l-ebda pregudizzju lill-konvenut tant illi huwa ma ressaq ebda aggravju f'dan is-sens, fir-rikors ta' l-appell tieghu. Konsegwentement din il-kwistjoni llum tinsab finalment sorvolata billi s-sentenza appellata ghaddiet gudikat dwar din il-kwistjoni.

6. Bl-ewwel aggravju tieghu, l-appellant qieghed jissottometti li huwa jaqbel mas-sentenza appellata in kwantu din ippronunzjat is-separazzjoni personali bejn il-partijiet. Jilmenta pero` li tali pronunzjament kellu jsir mill-ewwel Qorti minhabba l-fatt li z-zwieg tkisser b'mod irrimedjabbli u mhux minhabba ragunijiet li allegat l-appellata fl-att tac-citazzjoni taghha u li kienu ragunijiet imputabbli ghall-istess konvenut. Huwa jkompli jghid li l-attrici ressqet prova wahda, cioe` x-xiehda taghha stess u li l-ewwel Qorti ma kenitx gusitifikata li tosserva li huwa ma gab l-ebda prova kuntrarja, ghaliex fil-fatt fl-atti hemm id-dikjarazzjoni guramentata maghmula mill-appellant meta huwa pprezenta n-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu. Biex isahhah dan l-argument tieghu, il-konvenut irrefera ghall-fatt li tnejn minn tlett uliedu baqghu jirrisjedu sal-gurnata tal-lum mal-konvenut, oltre l-fatt li l-minuri Jasmin ghadha wkoll tghix ma' missierha minn nhar ta' Gimgha sa nhar il-Hadd filghaxija kull gimgha.

7. B'dan l-aggravju tieghu, l-appellant evidentement qieghed jilmenta mill-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti dwar il-provi akkwiziti fil-process. Huwa risaput li din il-Qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti u li hija taghmel hekk biss jekk tkun konvinta li l-apprezzament ta' l-ewwel Qorti jkun tant skorrett li jkun sejjer jirreka lil xi parti ingustizzja manifesta. Fil-kaz odjern il-konvenut appellant sahansitra naqas li jaghti x-xiehda orali tieghu fil-kawza u ghalhekk ftit li xejn jista' jilmenta mill-operat tal-Qorti meta huwa ttraskura li

almenu huwa stess jaghti x-xiehda tieghu dwar ragunijiet tas-separazzjoni. Konsegwentement l-ewwel aggravju tal-konvenut ma huwiex gustifikat u ma jistax jintlaqa'.

8. Bit-tieni aggravju tieghu, l-appellant issottometta li huwa kien jaqbel ma' l-ordni li nghatat mill-ewwel Qorti u cioe` fejn il-kura u l-kustodja tal-minuri Jasmin giet fdata f'idejn martu l-appellata. Madanakollu huwa jilmenta li l-ewwel Qorti naqset li taghti l-provvediment opportun dwar il-modalita` ta' access ta' l-istess minuri favur l-appellat missierha. Huwa ssuggerixxa li din il-Qorti takkordalu access ghall-istess minuri kif ilu jigi pprattikat ghal dawn l-ahhar ghaxar snin, jigifieri fil-*weekends* u dan minn nhar ta' Gimgha sal-Hadd filghaxija.

9. L-appellata ma ressqet l-ebda oggezzjoni ghal din it-talba ta' l-appellant, la bil-miktub u lanqas oralment fl-udjenza tat-30 ta' April, 2007. Billi din il-Qorti jidhrilha li din it-talba ta' l-appellant hija fic-cirkostanzi, gustifikata hemm lok ghalhekk li dana l-aggravju jintlaqa' u din il-Qorti sejra taghti l-provvediment infraskritt opportun aktar tard f'din is-sentenza.

10. It-tielet aggravju ta' l-appellant jikkoncerna provvediment li tat l-ewwel Qorti fejn applikat l-Artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u b'hekk laqghet ir-raba' u l-hames talba ta' l-attrici appellata. L-appellant isostni li fil-kaz odjern ma kenux jinstabu l-elementi fattwali u legali necessarji sabiex jiggustifikaw li tinghata tali ordni u dan peress li ma kienx minnu li jirrizulta komportament vjolenti da parti tal-konvenut u lanqas li huwa kkommetta adulterju.

11. Dan l-aggravju huwa relatat ma' l-ewwel aggravju ta' l-appellant li bih huwa pprova jikkontesta l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Ladarba dak l-ewwel aggravju appellant gie michud minn din il-Qorti jsegwi li anke dan it-tielet aggravju ta' l-appellant ma jistax jintlaqa'.

12. Nigu issa ghar-raba' aggravju ta' l-appellant, li huwa jsejjahlu bhala l-aggravju principali tieghu. Dan l-aggravju

jikkoncerna l-provvediment enumerat bin-numru sitta fis-sentenza appellata u cioe` fejn hemm il-likwidazzjoni, divizjoni u assenzjazzjoni ta' l-assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti. L-appellant isostni li l-ordni li tat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata hija wahda kontradittorja ghaliex l-ewwel Qorti qatt ma setghet tikkundannah ihallas lill-attrici appellata nofs il-flus li zbanka u akkwista u fl-istess nifs tassenja nofs id-dar konjugali lill-istess attrici appellata meta kien jirrizulta li l-flus li zbanka u akkwista kien uzahom biex jixtri d-dar in kwistjoni. A skans ta' ripetizzjoni inutili l-Qorti taghmel referenza ghat-tieni paragrafu ta' din is-sentenza fejn l-aggravju relattiv ta' l-appellant huwa riportat testwalment.

13. Kif sewwa osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata , l-appellat kien akkwista s-somma ta' tmint elef lira (Lm8,000) meta kkonsenja c-cwievet tad-dar matrimonjali precedenti taghhom, kif ukoll zbanka s-somma komplessiva ta' hamest elef hames mija u wiehed u disghin lira Maltin (Lm5,591) mill-kontijiet bankarji li jissemmew fis-sentenza appellata. L-ewwel Qorti kienet korretta meta ddikjarat li dawn il-flus kienu jappartjenu lill-komunjoni ta' l-akkwisti izda ma kenitx korretta meta hija ddikjarat li l-konvenut, issa appellant, kellu jaghti nofshom lill-attrici, issa appellata. Dan ghar-raguni li ma jistax ikun mod iehor peress li kien proprju b'dawn il-flus li zbanka u akkwista l-konvenut li huwa xtara d-dar "Bronson House", Bypass Road, Swatar, Birkirkara. L-ewwel Qorti kienet korretta meta ddikjarat li din id-dar, li l-konvenut xtara tramite ohtu, kellha tigi kkunsidrata bhala formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-konjugi Falzon, u ghalhekk kienet korretta wkoll meta l-ewwel Qorti ordnat li n-nofs indiviz jigi ttrasferit lill-attrici. Madanakollu, l-ewwel Qorti ma kenitx korretta meta hija assenjat lill-attrici nofs il-flus in kwistjoni u fl-istess nifs assenjat nofs id-dar imsemmija lill-istess attrici meta kien ovvju li l-istess flus intuzaw biex il-konvenut akkwista l-istess dar. Ghalhekk, hemm lok li dan l-ahhar aggravju tal-konvenut jintlaqa' billi huwa gustifikat.

14. Ghal dawn il-motivi, tilqa' in parte l-appell u ghalhekk tirriforma s-sentenza appellata billi:

1. tordna li l-appellant Joseph Falzon ghandu jkollu access ghall-minuri bintu Jasmin fi tmiem il-gimgha, u cioe` l-access ghandu jibda kull nhar ta' Gimgha u jispicca l-Hadd segwenti, u dan fil-hinijiet li l-partijiet kontendenti u l-istess minuri ghandhom jiftehmu fuqhom;

2. tirrevoka l-provvedimenti li tat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata dwar is-sitt talba ta' l-attrici, u minflok:

a. tilqa' s-sitt talba ta' l-attrici ezattament kif dedotta fl-att tac-citazzjoni;
b. tiddikjara li l-fond "Bronson House" Bypass Road, Swatar, Birkiarkara, jappartjeni lill-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-kontendenti konjugi Falzon, u ghalhekk tassenja lill-attrici nofs indiviz ta' l-istess fond, waqt li n-nofs indiviz l-iehor tassenjah lill-konvenut. Il-kuntratt relattiv ghandu jsir fit-30 ta' Lulju 2007, fl-10.00 a.m. fl-edifizzju tal-Qorti u ghal dan il-ghan tahtar li n-Nutar Dottor Daniela Chetcuti biex tippubblika l-att relattiv u tahtar lill-Avukat Dottor Veronique Dalli biex tidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-istess att;
c. tiddikjara ghal kull buon fini li properjetajiet ohra mixtrija jew akkwistati mill-partijiet u li jinsabu prezentement fil-pussess taghhom, komprizi vetturi, qed jigu dikjarati proprjetajiet rispettivi tal-possessur taghhom;

3. tikkonferma l-provvedimenti l-ohra kollha kontenuti fis-sentenza appellata.

L-ispejjez ta' l-ewwel istanza jithallsu ezattament kif deciz fis-sentenza appellata waqt li l-ispejjez ta' din l-istanza jithallsu kwantu ghal nofs mill-appellant u kwantu ghan-nofs l-iehor mill-attrici appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------